A.L. 249 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (ATT NRU. V TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Liftijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 38 sa 40 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Liftijiet.

1.2. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2002, liema data għandha tiġi avżata mill-Awtorità fil-Gazzetta.

1.2.1. Bla ħsara għal regolament 1.2.2, dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal lift jew komponent ta' sigurtà li jitqiegħed fis-suq u li jibda jintuża fit-30 ta' Ġunju, 2002 jew qabel, u li jikkonforma ma' kull provvediment ta' saħħa u sigurtà li kien ikun meħtieġ li jikkonforma miegħu biex jista' jitqiegħed fis-suq jew jibda jintuża f'Malta f'dik id-data.

1.2.2. L-esklużjoni li hemm f'regolament 1.2.1 ma tapplikax fil-każ ta' lift jew komponent ta' sigurtà li –

(a) sakemm ma jkunx meħtieġ li jkollu l-marka CE minħabba f'xi Ordni oħra, jkollu l-marka CE jew skrizzjoni li tista' tiħawwad magħha; jew

(b) ikollu jew ikollu miegħu xi indikazzjoni oħra, tkun espressa kif tkun, li tikkonforma mad-Direttiva dwar il-Liftijiet 95/16/EC.

1.2.3. Il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal xi lift sakemm u safejn il-ħtiġiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà rilevanti jkunu jirrigwardaw riskji li jkunu għalkollox jew parzjalment koperti b'Ordnijiet oħra applikabbli għal dak il-lift.

1.2.4 Iżda l-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni lill-Kummissjoni kif imsemmija f'regolamenti 7.3 u 9.4 (b) għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, jista' jippreskrivi.

Skop.

2.1. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal liftijiet li jservu bini u kostruzzjonijiet b'mod permanenti. Għandhom japplikaw ukoll għall-komponenti ta' sigurtà li jintużaw f'dawk il-liftijiet elenkati fi Skeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

2.2. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal:

– funikulari, inklużi ferroviji funikulari, għat-trasport pubbliku jew privat ta' persuni,

– liftijiet iddisinjati u mibnijin apposta għall-finijiet tal-militar jew tal-pulizija,

– tagħmir ta' tkebbib ta' linji f'minjieri,

– tagħmir li jgħolli u jbaxxi fit-teatri,

– liftijiet kostruwiti f'mezzi tat-trasport,

– liftijiet imqabbdin ma' makkinarju u unikament maħsubin biex jipprovdu aċċess fuq il-lant tax-xogħol,

– ferroviji bl-ingranaġġ u roti bis-snien għall-ingranaġġ,

– apparat tar-rfigħ maħsubin biex itellgħu persuni jew persuni u oġġetti f'siti ta' kostruzzjoni.

Tifsiriet.

3.1. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

3.1.1. "Id-Direttiva" tfisser id-Direttiva 95/16/EC[1] tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq it-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-liftijiet.

3.1.2. "Lift" tfisser apparat li jaqdi sulari speċifiċi, u li jkollu vagun li jimxi fuq gwidi li huma riġidi u inklinati f'angolu ta' aktar minn 15-il grad mal-livell orizzontali u maħsub għall-ġarr ta':

– persuni,

– persuni u oġġetti,

[1] OJ No. L213, 07-09-95, P.01

– oġġetti biss jekk il-vagun huwa aċċessibbli, jiġifieri, jekk persuna tista' tidħol fih bla diffikultà, u li jkollu kontrolli li jinsabu fil-vagun innifsu jew li jistgħu jintlaħqu minn persuna li tkun ġo fih.

3.1.2.1.Liftijiet li jimxu fuq rotta fissa anki meta ma jimxux fuq gwidi li huma riġidi għandhom jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti (bħalma huma, *scissor lifts*).

3.1.3. "*Standard* Armonizzat" tfisser speċifikazzjoni teknika adottata mill-Kumitat Ewropew għal Standardizzazzjoni (CEN) jew mill-Kumitat Ewropew għal Standardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) jew mill-Istitut Ewropew għal *Standards* ta' Telekomunikazzjoni (ETSI), fuq riferiment mill-Kummissjoni Ewropea skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill 98/34/EC[2] li tistabbilixxi proċedura għall-provdiment ta' informazzjoni fil-qasam ta' *standards* u regolamenti tekniċi kif emendata mid-Direttiva 98/48/EC[3] tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

3.1.4. "*Standard* Nazzjonali li jittrasponi *Standard* Armonizzat" tfisser *Standard* maħruġ minn wieħed mill-membri ta' CEN/CENELEC/ETSI li jiġi dikjarat u annotat bħala teknikament ekwivalenti għal *Standard* Armonizzat oriġinarjament maħruġ mill-CEN/CENELEC/ETSI.

3.1.5. "Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea.

3.1.6. "OJ" tfisser *Official Journal of the European Communities.*

3.1.7. "marka CE" tfisser marka kif deskritta fi Skeda 3 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

3.1.8. "min jistalla lift" tfisser il-persuna naturali jew ġuridika li tieħu r-responsabbiltà għad-disinn, manifattura, stallazzjoni u tqegħid fis-suq tal-lift u li twaħħal il-marka CE u timla d-dikjarazzjoni ta' konformità EC.

3.1.9. "tqegħid fis-suq tal-lift" isir meta min jistalla jgħaddi għall-ewwel darba l-lift lil min se jużah.

3.1.10. "komponent ta' sigurtà" tfisser komponent kif elenkat fi Skeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

---

[2] OJ No. L204, 21-07-98, P.37
[3] OJ No. L217,05-08-98, P.18

3.1.11. "manifattur tal-komponenti ta' sigurtà" tfisser il-persuna naturali jew legali li tieħu r-responsabbiltà tad-disinn u l-manifattura tal-komponenti tas-sigurtà u li twaħħal il-marka CE u timla d-dikjarazzjoni ta' konformità EC.

3.1.12. "lift mudell" tfisser lift kampjun li l-dokument tekniku tiegħu juri l-mod kif għandhom jitħaddmu l-ħtiġiet essenzjali ta' sigurtà għal liftijiet li jikkonformaw mal-lift mudell definit b'parametri objettivi u li jkun juża komponenti ta' sigurtà identiċi.

3.1.12.1. Il-varjazzjonjiet permessi kollha bejn il-lift mudell u l-liftijiet li jiffurmaw parti mill-liftijiet li ġejjin mill-lift mudell għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar (b'valuri massimi u minimi) fid-dokument tekniku.

3.1.12.2. Hu permess li b'kalkolu u/jew fuq il-bażi ta' pjanti ta' disinn jintwera x-xebh ta' medda ta' apparat li jissodisfa l-ħtiġiet essenzjali ta' sigurtà.

3.1.13. "Korp Notifikat" tfisser korp maħtur minn Stat Membru u li dwaru ssir notifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, skond Artiklu 9 (1) tad-Direttiva dwar il-Liftijiet, biex japplika l-proċeduri ta' valutazzjoni għall-konformità indikati u msemmija f'regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

3.1.14. "Persuna responsabbli" tfisser:

(a) fil-każ ta' lift, min jistalla l-lift;

(b) fil-każ ta' komponent ta' sigurtà, il-manifattur tal-komponent ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu; jew

(ċ) meta la min jistalla l-lift, la l-manifattur tal-komponent ta' sigurtà, u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, skond il-każ, ma jkunu wettqu l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti kif inhuma applikabbli għall-lift jew għall-komponent ta' sigurtà, il-persuna li tqiegħed il-lift jew il-komponent tas-sigurtà fis-suq lokali.

3.1.14.1. Meta persuna-

(a) li tkun il-manifattur ta' lift jew ta' komponent ta' sigurtà għall-użu tagħha nnifisha tħaddem dak il-lift jew komponent ta' sigurtà, skond il-każ, l-ewwel darba; jew

(b) wara li tkun importat lift jew komponent ta' sigurtà minn pajjiż jew territorju barra l-Komunità, thaddem dak il-lift jew komponent ta' sigurtà, skond il-każ, l-ewwel darba,

dik il-persuna għandha, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, titqies li qiegħdet dak il-lift jew komponent tas-sigurtà fis-suq.

3.1.15. "mhux perikoluż" fir-rigward ta' lift jew komponent ta' sigurtà tfisser li dak il-lift jew, fil-każ ta' komponent ta' sigurtà, il-lift li l-komponent se jkun stallat ġo fih, meta stallat kif għandu jkun u mogħti l-manutenzjoni u użat għall-iskop li hu maħsub għalih, m'hux se jqiegħed fil-periklu s-saħħa jew is-sigurtà ta' persuni jew, fejn hu l-każ, is-sigurtà ta' propjetà, u għandhom jintużaw espressjonijiet sinonimi skond il-każ.

3.1.16. "ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali rilevanti" fir-rigward ta' lift jew komponent ta' sigurtà tfisser dawk il-provvedimenti dwar il-ħtiġiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà li huma applikabbli għal dak il-lift jew komponent ta' sigurtà partikolari, skond il-każ.

4.1. Il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti japplikaw għal dan kollu li ġej, sew jekk importat sew jekk manifatturat lokalment: Applikabilità.

(a) liftijiet għall-użu permanenti f'bini u kostruzzjonijiet; u

(b) komponenti ta' sigurtà li jintużaw f'dawn il-liftijiet.

4.1.1. Ebda persuna ma tista' timmanifattura, timporta, tqiegħed fis-suq jew tibda thaddem lift jew komponent ta' sigurtà li ma jikkonformawx mal-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti.

4.2. Ebda ħaga f'dawn ir-regolamenti m'għandha żżomm it-tqegħid fis-suq ta' xi komponent, barra minn komponent ta' sigurtà, -

(a) li hu maħsub biex ikun inkorporat f'lift li jaqa' taħt dawn ir-regolamenti; u

(b) li fir-rigward tiegħu issir dikjarazzjoni mill-manifattur ta' dak il-komponent, jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, li dak il-komponent hu maħsub biex ikun inkorporat b'dak il-mod.

4.3. Ebda ħaga f'dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' lift m'għandha taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Prodotti ta' Kostruzzjoni.

4.4. Għall-finijiet ta' regolamenti 5.1 sa 5.7 ta' dawn ir-regolamenti, lift jew komponent ta' sigurtà, li fir-rigward tiegħu l-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti ma ġewx sodisfatti, m'għandux jitqies li tqiegħed fis-suq jew li kien fornut jekk jintwera f'fieri kummerċjali u f'wirjiet ta' dak il-lift jew komponent ta' sigurtà jekk –

(a) jitqiegħed avviż fir-rigward ta' dak il-lift jew komponent ta' sigurtà li jkun jgħid –

(i) li dak ma jissodisfax dawk il-provvedimenti; u

(ii) li ma jistax jitqiegħed fis-suq jew ikun fornut sakemm dawk il-provvedimenti ma jkunux ġew sodisfatti, fil-każ ta' lift minn min jistalla l-lift, u, fil-każ ta' komponent ta' sigurtà mill-manifattur tal-komponent ta' sigurtà jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu; u

(b) ma jitteħdux miżuri ta' sigurtà adegwati biex tkun żgurata s-sigurtà tal-persuni.

Ħtiġiet ġenerali.

5.1. Bla ħsara għar-regolament 4.4 ta' dawn ir-regolamenti, ebda persuna li hi responsabbli m'għandha tqiegħed fis-suq jew thaddem għall-ewwel darba xi lift jekk il-ħtiġiet ta' regolament 5.2. ta' dawn ir-regolamenti ma jkunux ġew sodisfatti fir-rigward tal-lift.

5.2. Il-ħtiġiet fir-rigward ta' xi lift huma li –

(a) jkun jissodisfa l-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali u rilevanti u għall-iskop ta' konformità ma' dawk il-ħtiġiet –

(1) meta *standard* armonizzat traspost ikopri waħda jew aktar mill-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali, kull lift mibni skond *standard* armonizzat traspost bħal dak għandu jkun preżunt li jikkonforma ma' dak jew, skond il-każ, dawk il-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali; u

(2) li b'kalkolu jew fuq il-bażi ta' pjanti ta' disinn, ikun permess li jintwera x-xebh ta' medda ta' apparat li jissodisfa l-ħtiġiet essenzjali ta' sigurtà;

(b) il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità adatta fir-rigward tal-lift tkun saret skond regolament 6.1 ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-marka CE tkun twaħħlet miegħu minn min jistalla l-lift skond Skeda 3 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(d) tkun saret dikjarazzjoni ta' konformità minn min jistalla l-lift dwar l-istess lift li jkun fiha l-informazzjoni elenkata f'Parti B ta' Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, fil-qies ta' l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fl-Iskeda u li jintużaw fil-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità; u

(e) fil-fatt m'hux perikoluż.

5.3. Kull dokumentazzjoni teknika jew informazzjoni oħra dwar lift, meħtieġa li tinżamm skond il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità użata, għandha tinżamm mill-persuna speċifikata f'dak ir-rigward f'dik il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità għall-perijodu speċifikat f'dik il-proċedura.

5.4. Bla ħsara għal regolament 4.4 ta' dawn ir-regolamenti, ebda persuna li hi persuna responsabbli m'għandha tqiegħed fis-suq u tħaddem għall-ewwel darba xi komponent ta' sigurtà kemm-il darba l-ħtiġiet tar-regolament 5.5. ta' dawn ir-regolamenti ma jkunux ġew sodisfatti fir-rigward tagħha.

5.5. Il-ħtiġiet fir-rigward ta' xi komponent ta' sigurtà huma li –

(a) jkun jissodisfa l-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali rilevanti u għall-iskop ta' konformità ma' dawk il-ħtiġiet meta *standard* armonizzat traspost ikun ikopri xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali, kull komponent ta' sigurtà mibni skond tali *standard* armonizzat traspost għandu jkun preżunt li jkun tajjeb biex il-lift li miegħu ikun stallat kif suppost ikun jikkonforma ma' dik il-ħtieġa jew, skond il-każ, dawk il-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà essenzjali;

(b) bla ħsara għal regolament 5.6 ta' dawn ir-regolamenti, il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità fir-rigward ta' komponent ta' sigurtà tkun saret skond ir-regolament 6.1 ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-marka CE tkun twaħħlet miegħu, jew fuq tikketta mwaħħla b'mod li ma jistax jinqala' mal-komponent tas-sigurtà, mill-manifattur ta' dak il-komponent ta' sigurtà jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu skond regolamenti 8.4 u

9.1 sa 9.4 ta' dawn ir-regolamenti u Skeda 3 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(d) tkun saret dikjarazzjoni ta' konformità fir-rigward tal-komponent mill-manifattur ta' dak il-komponent ta' sigurtà jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu u li jkun fiha l-informazzjoni elenkata f'Parti A ta' Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, fil-qies ta' l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fl-Iskeda użati fil-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità; u

(e) fil-fatt m'hux perikoluż.

5.6. Kull dokumentazzjoni teknika jew informazzjoni oħra dwar komponent ta' sigurtà li hi meħtieġa li tinżamm skond il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità użata għandha tinżamm mill-persuna speċifikata f'dak ir-rigward f'dik il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità għall-perijodu speċifikat f'dik il-proċedura.

5.7. Bla ħsara għar-regolament 4.4 ta' dawn ir-regolamenti, huwa dmir ta' kull persuna li tforni xi lift jew komponent ta' sigurtà imma li ma tkunx il-persuna li japplikaw għaliha regolamenti 5.1 sa 5.6 ta' dan ir-regolament, li tiżgura li l-lift jew il-komponent ta' sigurtà, skond il-każ, mhux perikoluż.

5.8. Il-persuna responsabbli għax-xogħol fuq il-bini jew kostruzzjoni fejn se jkun stallat lift u min jistalla l-lift għandhom, għar-rigward tat-tħaddim kif suppost u l-użu mhux perikoluż tal-lift –

(a) iżommu lil xulxin infurmati b'kull fatt neċessarju, u

(b) jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw dan,

u b'mod partikolari għandu jkun żgurat li ma jkunx hemm fix-xaftijiet maħsubin għal liftijiet pajpijiet jew *wires* jew tagħmir ieħor barra minn dak meħtieġ għat-tħaddim u s-sigurtà ta' dak il-lift.

5.9. Meta, fil-każ ta' lift, għall-finijiet ta' regolament 5.2(b) il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità hija waħda mill-proċeduri deskritti f'regolament 6.2 (a), (b) jew (c), il-persuna responsabbli għad-disinn tal-lift għandha tgħaddi lill-persuna responsabbli għall-kostruzzjoni, stallazzjoni u ttestjar id-dokumenti u informazzjoni meħtieġa kollha biex il-persuna li tistalla tkun tista' taħdem f'sigurtà assoluta.

5.10. Kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità li hemm referenza għaliha f'regolamenti 5.2 (d) u 5.5 (d) għandha –

(a) fil-każ ta' lift, tinghata lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil kull Korp Notifikat iehor, jekk tintalab, minn min jistalla l-lift flimkien ma' kopja tar-rapporti tat-testijiet involuti fl-ispezzjoni finali li għandha ssir bħala parti mill-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità adatta msemmija fir-regolament 5.2 (b); u

(b) tinżamm, mill-persuna li tikteb dik id-dikjarazzjoni, għal perijodu ta' 10 snin –

(i) fil-każ ta' lift, mid-data li fiha l-lift tqiegħed fis-suq; u

(ii) fil-każ ta' komponent ta' sigurtà, mid-data li fiha dik il-persuna tkun immanifatturat għall-aħħar darba komponenti ta' sigurtà ta' dik ix-xorta.

Proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità.

6.1. Għall-finijiet ta' regolamenti 5.2 (b) u 5.5 (b), il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità adatta għandha tkun –

(a) fil-każ ta' lift, waħda mill-proċeduri stipulati f'regolament 6.2 ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) fil-każ ta' komponent ta' sigurtà, waħda mill-proċeduri mniżżlin f'regolament 6.3 ta' dawn ir-regolamenti.

6.2. Il-proċeduri msemmija f'regolament 6.1 ta' dawn ir-regolamenti huma dawn li ġejjin:

(a) jekk il-lift kien iddisinjat fuq lift li jkun sarlu eżami tax-xorta EC kif hemm referenza f'Anness V tad-Direttiva, għandu jinbena, ikun stallat u ttestjat bl-implimentazzjoni –

(i) ta' l-ispezzjoni finali msemmija f'Anness VI tad-Direttiva;

(ii) tas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità msemmija f'Anness XII tad-Direttiva; jew

(iii) tas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità li hemm referenza għaliha f'Anness XIV tad-Direttiva,

u l-proċeduri għall-istadji ta' disinn u kostruzzjoni, minn-naħa l-waħda, u l-istadji ta' stallazzjoni u ttestjar, min-naħa l-oħra, jistgħu jsiru fuq l-istess lift;

(b) jekk il-lift kien iddisinjat fuq il-lift mudell li jkun sarlu eżami tat-tip EC kif hemm referenza f'Anness V tad-Direttiva, għandu jkun mibni, stallat u ttestjat bl-implimentazzjoni –

(i) ta'l-ispezzjoni finali msemmija f'Anness VI tad-Direttiva;

(ii) tas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità msemmija f'Anness XII tad-Direttiva; jew

(iii) tas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità msemmija f'Anness XIV tad-Direttiva,

u l-varjazzjonijiet kollha permessi bejn il-lift mudell u l-liftijiet li jiffurmaw parti mill-liftijiet mibnija fuq dak il-mudell għandhom ikunu speċifikat b'mod ċar (bil-valuri massimi u minimi) fid-dokumenti tekniċi meħtieġa bħala parti mill-proċedura propja ta' valutazzjoni ta' konformità;

(ċ) jekk il-lift kien iddisinjat fuq lift mudell li għalih kienet implimentata sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità skond kif jitlob Anness XIII tad-Direttiva, supplimentata minn eżami tad-disinn jekk din ta' l-aħħar ma taqbilx għalkollox ma' *standards* armonizzati, għandu jkun stallat, mibni u ttestjat bl-implimentazzjoni, b'żjieda ma' dan –

(i) ta' l-ispezzjoni finali msemmija f'Anness VI tad-Direttiva;

(ii) tas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità skond Anness XII tad-Direttiva; jew

(iii) tas-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità skond Anness XIV tad-Direttiva;

(d) il-proċedura ta' verifikazzjoni ta' unità, msemmija f'Anness X tad-Direttiva, minn korp notifikat; jew

(e) sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità skond Anness XIII tad-Direttiva, supplimentata minn eżami tad-disinn jekk dan ta' l-aħħar ma jaqbilx għalkollox ma' *standards* armonizzati trasposti.

6.3. Il-proċeduri msemmija f'regolament 6.1 (b) ta' dawn ir-regolamenti huma kif ġejjin:

(a) li jissottometti mudell tal-komponent ta' sigurtà għal eżami tat-tip EC skond Anness V tad-Direttiva u għal kontrolli ta' produzzjoni minn korp notifikat skond Anness XI tad-Direttiva;

(b) li jissottometti l-mudell tal-komponent tas-sigurtà għal eżami tat-tip EC skond Anness V tad-Direttiva u jħaddem sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità skond Anness VIII tad-Direttiva għall-kontroll tal-produzzjoni; jew

(ċ) li jħaddem sistema kompleta ta' assigurazzjoni ta' kwalità skond Anness IX tad-Direttiva.

Tneħħija u projbizzjoni mis-suq.

7.1. Meta jkun ġie aċċertat li lift jew komponent ta' sigurtà li jġib il-marka CE u li jkun qed jintuża għall-iskop li għalih kien maħsub jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tan-nies u, fejn ikun il-każ, ta' propjetà, id-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex ineħħih mis-suq, jipprojbixxi li jitqiegħed fis-suq jew jitħaddem, jew jirrestrinġi l-moviment liberu tiegħu.

7.1.1. Id-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jgħarraf immedjatament b'dawn il-miżuri lill-Kap tad-Direttorat għal Oġġetti għall-Konsum u għall-Industrija[4] ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* u jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u b'mod partikolari jekk in-nuqqas ta' konformità hux ġej minn:

(a) nuqqas ta' konformità mal-ħtiġiet essenzjali li hemm referenza għalihom f'regolamenti 5.2 u 5.5 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) applikazzjoni ħażina ta' *standards* li hemm referenza għalihom f'Artiklu 5 (2) tad-Direttiva;

(ċ) nuqqasijiet fi *standards* li hemm referenza għalihom f'Artiklu 5 (2) tad-Direttivi nnifishom.

7.2. Kull deċiżjoni meħuda minħabba dawn ir-regolamenti li tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' lift jew komponent ta' sigurtà għandha tagħti r-raġunijiet eżatti fuqiex hi bbażata.

---

[4] A.L. 213 ta' l-2000 - Ordni ta' l-2000 dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-i*standards*, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru, 17,002 ta' l-20 ta' Ottubru, 2000.

7.2.1. Dik id-deċiżjoni għandha tkun notifikata kemm jista' jkun malajr lill-parti involuta, li għandha tkun informata bir-rimedji legali li għandha skond il-liġijiet viġenti f'Malta u bil-limiti ta' żmien li tulhom dawn ir-rimedji jistgħu jkunu eżerċitati.

7.3. Il-Kap tad-Direttorat għal Oġġetti għall-Konsum u għall-Industrija ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* għandu jinforma immedjatament lill-Kummissjoni b'kull miżura meħuda skond regolamenti 7.1, 7.1.1, 7.2 u 7.2.1.

Konformità.

8.1. Bla ħsara għar-regolament 8.2 ta' dawn ir-regolamenti, lift jew komponent ta' sigurtà li –

(a) jġib il-marka CE jew, fil-każ ta' komponent ta' sigurtà, it-tikketta mwaħħla miegħu tkun iġġib dik il-marka skond regolamenti 5.2 (ċ) u 5.5 (ċ) ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) jkollu miegħu dikjarazzjoni ta' konformità EC skond regolamenti 5.2 (d) jew 5.5 (d),

għandu jitqies li jkun jikkonforma mal-provvedimenti kollha ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għalih inkluż l-proċedura xierqa ta' valutazzjoni għall-konformità speċifikata f'regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli għaliex wieħed jissuspetta li ma jkunx hekk jikkonforma.

8.2. Regolament 8.1 ta' dawn ir-regolamenti ma japplikax fir-rigward tad-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur meta persuna tonqos jew tirrifjuta li tgħaddi lid-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur id-dokumentazzjoni jew kopja tagħha li hi mitluba, skond il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità li tapplika għal dak il-lift jew komponent ta' sigurtà, li żżomm.

8.3. Meta, fil-każ ta' lift jew komponent ta' sigurtà, xi waħda mill-ħtiġiet ta' regolamenti 5 u 6 ta' dawn ir-regolamenti li jridu jkunu sodisfatti minn min jistalla l-lift jew mill-manifattur tal-komponent ta' sigurtà jew, fil-każ ta' dan l-aħħar, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ma tkunx ġiet sodisfatta, dawk il-ħtiġiet jistgħu jiġu sodisfatti mill-persuna li tqiegħed fis-suq dak il-lift jew komponent ta' sigurtà.

8.3.1. Ebda ħaga f'regolament 8.3 ta' dawn ir-regolamenti ma għandha taffettwa s-setgħat tad-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur li jaġixxi skond regolament 9.4 ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' min jistalla lift, il-manifattur tal-

komponent ta' sigurtà jew, fil-każ tal-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, fir-rigward ta' xi ksur jew nuqqas ta' konformità ma' xi waħda minn dawk il-ħtiġiet.

8.4. Meta liftijiet jew komponenti ta' sigurtà huma soġġetti għal Direttivi oħra rigward aspetti oħra u li jipprovdu wkoll għat-twaħħil tal-marka CE, din l-aħħar persuna għandha tindika li l-lift jew komponent ta' sigurtà hu wkoll preżunt li jikkonforma mal-provvedimenti ta' dawk id-Direttivi l-oħra.

8.4.1. Madankollu, meta xi waħda jew aktar minn dawk id-Direttivi tkun tippermetti lill-manifattur, fil-perijodu ta' transizzjoni, li jagħżel liema arranġamenti għandu japplika, il-marka CE għandha tindika konformità biss mad-Direttivi appplikati minn min jistalla l-lift jew mill-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà.

8.4.2. F'dan il-każ, il-partikolarijiet tad-Direttivi applikati, kif ippubblikati fl-*Official Journal of the European Communities*, għandhom jingħataw fid-dokumenti, avviżi jew struzzjonijiet meħtieġa mid-Direttivi u li jkunu mal-lift jew mal-komponent ta' sigurtà.

9.1. Il-marka CE għandha tikkonsisti fl-inizjali CE. Skeda 3 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti turi l-mudell li għandu jintuża. Marka ta' Konformità CE.

9.2. Il-marka CE għandha titwaħħal b'mod ċar u li jidher ma' kull vagun tal-lift skond Taqsima 5 ta' Skeda 1 ta' dawn ir-regolamenti u għandha titwaħħal ma' kull komponent ta' sigurtà elenkat fi Skeda 4 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq tikketta mwaħħla b'mod fiss mal-komponent ta' sigurtà.

9.3. It-twaħħil ma' liftijiet jew komponenti ta' sigurtà ta' marki li jistgħu jqarrqu terzi persuni dwar it-tifsira u l-forma tal-marka CE, hu projbit. Kull marka oħra tista' titwaħħal mal-liftijiet jew mal-komponenti ta' sigurtà, sakemm il-marka CE tibqa' tidher u tinqara tajjeb.

9.4. Mingħajr preġudizzju għal regolament 7.1 ta' dawn ir-regolamenti:

(a) meta jkun ġie stabbilit li l-marka CE tkun twaħħlet b'mod irregolari, min jistalla l-lift, il-manifattur tal-komponent ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur għandhom ikunu obbligati mid-Direttur ta' l-

Affarijiet tal-Konsumatur biex iġibu l-prodott konformi mal-provvedimenti dwar il-marka CE u biex ma jibqgħux jiksru r-regolamenti taħt il-kondizzjonijiet imposti mid-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur;

(b) jekk in-nuqqas ta' konformità jibqa' sejjer, id-Direttur ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-komponent ta' sigurtà inkwistjoni jew biex jiżgura li jitneħħa mis-suq u jipprojbixxi l-użu tal-lift u jgħarraf lill-Kap tad-Direttorat għal Oġġetti għall-Konsum u għall-Industrija ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* li minnaħa tiegħu għandu jgħarraf b'dan lill-Kummissjoni.

SKEDA 1

Ibbażata fuq ANNESS I tad-Direttiva

ĦTIĠIET ESSENZJALI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAD-DISINN U BINI TA' LIFTIJIET U KOMPONENTI TA' SIGURTÀ

OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI

1. Obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ħtiġiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà japplikaw biss meta l-lift jew komponent ta' sigurtà hu soġġett għall-periklu in kwistjoni meta jintuża kif maħsub minn min jistalla l-lift jew mill-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà.

2. Il-ħtiġiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà msemmija f' dawn ir-regolamenti huma obbligatorji. Madankollu, fl-istat preżenti tat-teknoloġija, l-oġġettivi li dawn il-ħtiġiet jimponu jistgħu ma jintlaħqux. F'każijiet bħal dawn, u safejn hu l-aktar possibbli, il-lift jew il-komponenti ta' sigurtà għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'mod li joqorbu lejn dawn l-objettivi.

3. Il-manifattur tal-komponent ta' sigurtà u min jistalla l-lift huma obbligati jivvalutaw il-periklı biex jidentifikaw il-periklı kollha li japplikaw għall-prodotti tagħhom; mbagħad huma għandhom jiddisinjawhom u jibnuhom fid-dawl ta' din il-valutazzjoni.

4. Skond l-Artiklu 14, il-ħtiġiet essenzjali stipulati f'Direttiva 89/106/EEC, li m'hix inkluża f'din id-Direttiva, japplikaw għal liftijiet.

1. ĠENERALI

1.1. Applikazzjoni ta' Direttiva 98/37/EC, kif emendata bid-Direttiva 98/79/EC.

Meta jkun hemm il-periklu rilevanti u dan ma hux ittrattat f'din l-Iskeda, japplikaw il-ħtiġiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà ta' Anness I ta' Direttiva 98/37/EC. Il-ħtieġa essenzjali ta' Taqsima 1.1.2 ta' Anness I ta' Direttiva 98/37/EC għandha tapplika f'kull każ.

1.2. Vagun

Il-vagun għandu jkun iddisinjat u mibni biex jagħti kull spazju u saħħa li jikkorrispondu ma' l-ogħla għadd ta' persuni u mal-piż ikkalkulat li l-lift jista' jerfa' kif meqjus minn min ikun stallah.

Fil-każ ta' liftijiet maħsubin għat-trasport ta' persuni, u meta l-qisien tiegħu jkunu jippermettu, il-vagun għandu jkun iddisinjat u mibni b'mod li l-karatteristiċi strutturali tiegħu ma jtellfux jew ifixklu l-aċċess u l-użu minn persuni b'diżabilità u biex ikunu jistgħu jsiru aġġustamenti adatti maħsubin biex jiffaċilitaw l-użu tal-lift minnhom.

1.3. Mezzi ta' dendil u mezzi ta' rfid

Il-mezzi ta' dendil u/jew ta' rfid tal-vagun, l-aċċessorji tiegħu u l-partijiet terminali tiegħu għandhom jingħażlu u jkunu ddisinjati b'mod li jiżguraw livell adegwat ta' sigurtà ġenerali u biex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju li l-vagun jaqa', fil-qies tal-kondizzjonijiet ta' l-użu, ta' kull materjal użat u l-kondizzjonijiet tal-manifattura.

Meta jintużaw ħbula u ktajjen biex jiddendel il-vagun, għandu jkun hemm mill-inqas żewġ *cables* jew ktajjen indipendenti, u kull waħda minnhom ikollha s-sistema ta' ankraġġ tagħha. Dawn il-ħbula u ktajjen ma għandu jkollhom ebda għoqda jew ċumbatura ħlief meta dawn ikunu meħtieġa biex titwaħħal jew tissawwar ingassa.

1.4. Kontroll tat-tagħbija (inkluża veloċità żejda)

1.4.1. Liftijiet għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u stallati b'mod li lift jitwaqqaf milli jibda jaħdem normali jekk jinqabeż il-piż ikkalkulat li jista' jerfa'.

1.4.2. Liftijiet għandhom ikollhom apparat li jirreggola l-veloċità żejda.

Dawn il-ħtiġiet ma japplikawx għal liftijiet li mid-disinn tas-sistema motorja tagħhom ma jistax ikun hemm veloċità żejda.

1.4.3. Liftijiet ta' ħeffa kbira għandu jkollhom apparat ta' monitoragg u kontroll fuq il-veloċità.

1.4.4. Liftijiet misjuqin minn taljoli bil-frizzjoni għandhom ikunu disinjati b'mod li jiżguraw l-istabbilità tal-*cables* tal-ġbid fuq it-taljola.

1.5. Makkinarju

1.5.1. Kull lift tal-passiġġieri għandu jkollu makkinarju individawli għalih innifsu. Din il-ħtieġa ma tapplikax għal liftijiet li flok kontrapiż għandhom vagun ieħor.

1.5.2. Min jistalla l-lift għandu jiżgura li l-makkinarju tal-lift u t-tagħmir konness ma' lift ma jkunux jistgħu jintlaħqu ħlief biex issir manutenzjoni fihom u f'każijiet ta' emerġenza.

1.6. Kontrolli

1.6.1. Il-kontrolli ta' liftijiet maħsubin biex jintużaw minn persuni b'diżabilità mhux imseħbin għandhom ikunu ddisinjati u mqegħdin f'post adatt għalihom.

1.6.2. Il-funzjoni tal-kontrolli għandha tintwera ċar.

1.6.3. Iċ-ċirkuwiti kollha biex jissejjaħ lift fi grupp ta' liftijiet jistgħu jkunu komuni jew interkonnessi.

1.6.4. Tagħmir elettriku għandu jkun hekk stallat u konness li·

- ma jista' jkun hemm ebda possibiltà ta' konfużjoni ma' ċirkuwiti li ma jkollhom ebda konnessjoni diretta mal-lift,

- l-provvista ta' l-elettriku tkun tista' tinxtegħel u tintefa waqt li l-lift ikun mgħobbi,

- il-movimenti tal-lift ikunu jiddependu minn kull apparat elettriku ta' sigurtà li jkun f'ċirkuwitu elettriku ta' sigurtà separat,

- xi ħsara fl-istallazzjoni elettrika ma tkunx toħloq sitwazzjoni perikoluża.

2. PERIKLI GĦAL PERSUNI LI JKUNU BARRA L-VAGUN

2.1. Il-lift għandu jkun iddisinjat u mibni b'mod li jiżgura li l-ispazju li fih jivvjaġġa l-vagun ma jintlaħaqx ħlief biex issir manutenzjoni jew f'każijiet ta' emerġenza. Qabel ma persuna tidħol f'dak l-ispazju, għandu jkun għalkollox impossibbli li l-lift jintuża b'mod normali.

2.2. Il-lift għandu jkun iddisinjat u mibni b'mod li ma jistax ikun hemm ir-riskju li l-vagun jgħaffeg lil xi ħadd meta jkun f'xi waħda mill-pożizzjonijiet estremi tiegħu.

Dan l-iskop jintlaħaq billi jkun hemm spazju liberu jew rifuġju bejn il-pożizzjonijiet estremi.

Madankollu, f'każijiet speċifiċi, u b'mod partikolari fil-każ ta' bini eżistenti, fejn ikun impossibbli li din is-soluzzjoni titwettaq, jistgħu jintużaw mezzi adattati oħra biex ikun evitat dan ir-riskju.

2.3. Il-pjanijiet fid-dħul u l-ħruġ tal-vagun għandhom ikunu mgħammra b'bibien għall-ħruġ u d-dħul li jkollhom reżistenza mekkanika adegwata għall-kondizzjonijiet ta' użu previsti.

Apparat li jillokkja minn barra u minn ġewwa għandu jipprevjeni li waqt operazzjoni normali:

- il-vagun jibda jiċċaqlaq, kemm jekk attivat apposta kemm jekk le, kemm-il darba l-bibien ta' ħruġ u dħul kollha ma jkunux magħluqin u llokkjati,

- jinfetaħ xi bieb ta' pjan meta l-vagun ikun għadu jiċċaqlaq u jkun jinsab 'l barra minn livell ta' ħrug fuq il-pjan.

Madankollu, ċ-ċaqlieq f'kull wasla f'xi pjan bil-bibien miftuħa għandu jkunu permess f'livelli speċifikati sakemm il-veloċità li biha l-vagun jiġi f'livell mal-pjan tkun ikkontrollata.

3. PERIKLI GĦAL PERSUNI FIL-VAGUN

3.1. Vaguni tal-liftijiet għandhom jingħalqu kompletament b'ħitan minn fuq s'isfel, li jinkludu pavimenti u soqfa sħaħ, bl-eċċezzjoni ta' fetħiet għall-arja, u b'bibien minn fuq s'isfel. Dawn il-bibien għandhom ikunu ddisinjati u stallati b'mod li l-vagun ma jkunx jista' jimxi, ħlief fil-każ taċ-ċaqlieq imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' Sezzjoni 2.3, jekk il-bibien ma jkunux magħluqin, u jieqaf jekk il-bibien jinfetħu. Il-bibien tal-vagun għandhom jibqgħu magħluqin u llokkjati jekk il-lift jieqaf bejn żewġ pjanijiet meta jkun hemm ir-riskju li wieħed jaqa' bejn il-vagun u x-xaft jew jekk ma jkunx hemm xaft.

3.2. Fil-każ ta' qtugħ ta' l-elettriku jew ħsara fil-komponenti, il-lift għandu jkollu apparat li jżommuh milli jaqa' b'sabta u milli jagħmel ċaqlieq 'l fuq mhux kontrollat.

L-apparat li jżomm il-vagun milli jaqa' b'sabta għandu jkun indipendenti mill-mezzi ta' dendil tal-vagun.

Dan l-apparat għandu jkun jista' jwaqqaf il-vagun meta jintlaħaq il-piż ikkalkulat li jista' jiflaħ u meta jilħaq l-ogħla veloċità kif maħsubin minn qabel minn min ikun stallah. Kull waqfa li ssir permezz ta' dan l-apparat m'għandhiex tikkaġuna tnaqqis ta' veloċità li jagħmel ħsara lil min ikun fil-vagun ikun x'ikun il-piż tat-tagħbija.

3.3. Għandhom jitqiegħdu *buffers* bejn il-qiegħ tax-xaft u l-art tal-vagun.

F'dan il-każ, l-ispazju liberu msemmi fis-Sezzjoni 2.2 għandu jitkejjel bil-*buffers* ikkompressati għalkollox.

Din il-ħtieġa ma tapplikax għal liftijiet li l-vagun tagħhom ma jistax jidħol fl-ispazju liberu msemmi fis-Sezzjoni 2.2 minħabba d-disinn tas-sistema ta' kif jopera.

3.4. Liftijiet għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'mod li ma jkunux jistgħu jibdew jitħaddmu jekk l-apparat maħsub fis-Sezzjoni 3.2 ma jkunx f'pożizzjoni li jista' jaħdem.

4. PERIKLI OHRA

4.1 Il-bibien tal-pjanijiet u tal-vagun jew iż-żewġ bibien flimkien, meta jkunu motorizzati, għandu jkollhom apparat li jipprevjeni r-riskju ta' tgħaffiġ waqt li jkunu mexjin.

4.2 Bibien tal-pjanijiet, meta jservu wkoll biex iħarsu l-bini mill-ħruq, inkluż bini b'partijiet tal-ħġieġ, għandhom ikunu biżżejjed reżistenti għall-ħruq kemm għal dik li hi integrità kemm għall-proprjetajiet tagħhom fir-rigward ta' insulazzjoni (trażżin tal-fjammi) u tat-tixrid tas-sħana (radjazzjoni termali).

4.3 Kull kontrapiż għandu jkun stallat b'mod li jkun evitat kull riskju li jaħbat ma' xulxin jew li jaqa' għal fuq il-vagun.

4.4 Liftijiet għandhom ikunu mgħammra b'mezzi li jagħmluha possibbli biex nies maqbudin fil-vagun ikunu jistgħu jinħelsu u jinħarġu minn ġo fih.

4.5 Vaguni għandhom ikollhom mezzi ta' komunikazzjoni li jibagħtu u jirċievu messaġġi biex ikun hemm kuntatt ma jaqtax ma' servizz ta' salvataġġ.

4.6 Liftijiet għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'mod li, f'każ li t-temperatura fil-magna tal-lift taqbeż il-massimu ffissat minn min jistalla l-lift, ikunu jistgħu jispiċċaw iċ-ċaqlieq li jkunu qed jagħmlu iżda jirrifjutaw kmandi ġodda.

4.7 Vaguni għandhom ikunu ddisinjati u mibnijin b'mod li jkun żgurat li jkun hemm biżżejjed arja għall-passiġġieri f'każ li jkun hemm dewmien li jtul.

4.8 Il-vagun għandu jkun mixgħul adegwatament waqt li jkun qed jintuża jew kull meta jinfetaħ xi bieb; għandu jkun hemm dwal ta' emerġenza.

4.9 Il-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija f'Sezzjoni 4.5 u d-dwal ta' emerġenza msemmija f'Sezzjoni 4.8 għandhom ikunu ddisinjati u mibnijin b'mod li jaħdmu anki mingħajr provvista normali ta' dawl. Il-perijodu li jdumu jaħdmu għandu jkun twil biżżejjed biex jippermetti li ssir operazzjoni normali tal-proċedura ta' salvataġġ.

4.10 Iċ-ċirkuwiti ta' kontroll tal-liftijiet li jistgħu jintużaw f'każ ta' ħruq għandhom ikunu ddisinjati u manifatturati b'mod li l-liftijiet ma jitħallewx jieqfu f'ċerti livelli u jkunu jippermettu kontroll prijoritarju tal-lift minn gruppi ta' salvataġġ.

5. IMMARKAR

5.1 B'żjieda għall-partikolaritajiet minimi meħtieġa għal kull magna konformi mas-Sezzjoni 1.7.3 ta' Anness I ta' Direttiva 98/37/EC, kull vagun għandu jkollu fuqu pjanċa li tidher faċilment li tkun turi l-piż ikkalkulat li jista' jiflaħ f'kilogrammi u l-akbar għadd ta' passiġġieri li jistgħu jinġarru.

5.2 Jekk il-lift hu ddisinjat biex nies maqbudin fil-vagun ikunu jistghu jaharbu bla ghajnuna minn barra, l-istruzzjonijiet rilevanti ghandhom ikunu cari u jidhru fil-vagun.

6. STRUZZJONIJIET GHALL-UŻU

6.1 Il-komponenti ta' sigurtà msemmija fi Skeda 4 ghandu jkollhom maghhom manwal ta' struzzjonijiet miktub bl-ilsien Ingliż, biex:

- l-immuntar

- l-ikkonnettjar

- l-aġġustar, u

- l-manutenzjoni,

jkunu jistghu jsiru b'mod effettiv u bla periklu.

6.2 Kull lift ghandu jkollu mieghu dokumentazzjoni miktuba bl-Ingliż. Id-dokumentazzjoni ghandu jkun fiha ta' l-inqas:

- manwal ta' struzzjonijiet li jkun fih il-pjanti u d-dijagrammi mehtieġa ghall-użu normali u li ghandhom x'jaqsmu ma' manutenzjoni, spezzjoni, tiswija, iċċekkjar perjodiku u l-operazzjonijiet ta' salvataġġ li hemm referenza ghalihom f'Sezzjoni 4.4,

- ġurnal li fih jistghu jitniżżlu x'tiswijiet u, meta jkun mehtieġ, x'iċċekkjar perjodiku jkunu saru.

SKEDA 2

Ibbażata fuq ANNESS II tad-Direttiva

A. Kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità EC ghal komponenti ta'sigurtà[5]

Id-dikjarazzjoni ta' konformità EC ghandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

- isem u indirizz tal-manifattur tal-komponent ta' sigurtà[6] ,

- meta mehtieġ, isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tieghu[5],

- deskrizzjoni tal-komponent ta' sigurtà, dettalji tat-tip jew serje u numru tas-serje (jekk ikun hemm),

---

[5] Din id-dikjarazzjoni ghandha tkun abbozzata fl-istess lingwa tal-manwal ta' struzzjonijiet li hemm referenza ghalih fi Skeda I, Taqsima 6.1, u ghandha tkun ittajpjata jew stampata.

[6] Isem tan-negozju, indirizz shih, fil-każ ta' rapreżżentant awtorizzat, ghati wkoll l-isem u l-indirizz tan-negozju tal-manifattur tal-komponent tas-sigurtà.

- funzjoni ta' sigurtà tal-komponent ta' sigurtà, jekk din ma toħroġx ċar mid-deskrizzjoni,

- sena tal-manifattura tal-komponent ta' sigurtà,

- il-provvedimenti rilevanti kollha li l-komponent ta' sigurtà jikkonforma magħhom,

- meta meħtieġ, referenza għal *standards* armonizzati użati,

- meta meħtieġ, isem, indirizz u numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li għamel l-eżami tat-tip EC skond regolament 6.3 (a) u (b) ta' dawn ir-regolamenti,

- meta meħtieġ, referenza għaċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip EC maħruġ minn dak il-korp notifikat,

- meta meħtieġ, isem, indirizz u numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li għamel il-kontrolli tal-produzzjoni skond regolament 6.3 (a) u (ċ) ta' dawn ir-regolamenti,

- meta meħtieġ, isem, indirizz u numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li kkontrolla s-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità implimentata mill-manifattur skond Artiklu 8 (1) (a)(iii),

- identifikazzjoni tal-firmatarju awtorizzat biex jaġixxi f'isem il-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

B. Kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità EC għal lifts stallati[7]

Id-dikjarazzjoni ta' konformità EC għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

- isem u indirizz ta min jistalla l-lift[8] ,

- deskrizzjoni tal-lift, dettalji tat-tip jew serje, numru tas-serja u indirizz fejn twaħħal il-lift,

- sena meta l-lift kien stallat,

- il-provvedimenti rilevanti kollha li l-lift jikkonforma magħhom,

- meta meħtieġ, referenza għal *standards* armonizzati użati,

---

[7] Din id-dikjarazzjoni għandha tkun abbozzata fl-istess lingwa tal-manwal ta' struzzjonijiet li hemm referenza għaliħ fi Skeda I, Taqsima 6.2, u għandha tkun ittajpjata jew stampata.

[8] Isem u indirizz sħiħ tan-negozju.

- meta jkun meħtieġ, l-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-Korp notifikat li jkun għamel l-eżami tat-tip EC fuq il-mudell tal-lift kif mitlub f'regolamenti 6.2(a) u (b) ta' dawn ir-regolamenti,

- meta jkun meħtieġ, referenza għaċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip EC,

- l-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun għamel il-verifika tal-lift kif mitlub f'regolament 6.2 (ċ) ta' dawn ir-regolamenti,

- meta jkun meħtieġ, l-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun għamel l-ispezzjoni finali tal-lift kif mitlub f'regolament 6.2 (a), (b) u (ċ) ta' dawn ir-regolamenti,

- meta jkun meħtieġ, l-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun spezzjona s-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità implimentata minn min jistalla l-lift kif mitlub f'regolament 6.2 (a), (b), (ċ) u (e) ta' dawn ir-regolamenti,

- identifikazzjoni tal-firmatarju li jkun ingħata s-setgħa li jagixxi f'isem min jistalla l-lift.

SKEDA 3

Ibbażata fuq Anness III tad-Direttiva

MARKA TA' KONFORMITÀ CE

Il-marka ta' konformità CE għandha tkun tikkonsisti fl-inizjali "CE" fil-forma t'hawn taħt:



Biex jiġi evitat kull dubju, qiegħed hawn jiġi ddikjarat li l-grilja ta' linji li qiegħda fl-isfond tad-disinn gradat t'hawn fuq m'hix parti mill-marka CE.

Jekk il-marka CE tiċċekken jew titkabbar, għandhom jitħarsu l-proporzjonijiet murija fid-disinn gradat t'hawn fuq.

Id-diversi komponenti tal-marka CE għandu jkollhom sostanzjalment l-istess qjies vertikali, li ma jistax ikun inqas minn 5mm. Din id-dimensjoni minima m'hemmx għalfejn tkun osservata fil-każ ta' komponent ta' sigurtà żgħar ħafna.

Il-marka CE għandha tkun segwita minn-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li għandu x'jaqsam

- mal-proċeduri li hemm referenza għalihom f'regolament 6.3 (b) jew (ċ)

- mal-proċeduri li hemm referenza għalihom f'regolament 6.3 (a).

SKEDA 4

Ibbażata fuq Anness IV tad-Direttiva

LISTA TA' KOMPONENTI TA' SIGURTÀ LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM F'REGOLAMENT 2.1 U F'REGOLAMENT 6.3

1. Apparati li jillokkjaw il-bibien tal-pjanijiet.

2. Apparati li ma jħallux li jsiru waqgħat imsemmija f'Sezzjoni 3.2 ta' Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, biex iżommu l-vagun milli jaqa' jew biex ma jagħmilx ċaqlieq 'l fuq mhux kontrollati.

3. Apparati li jillimitaw l-veloċità żejda.

4. (a) *Shock absorbers* li jakkumulaw l-enerġija:

- sew mhux lineari,

- sew billi jtaffu ċ-ċaqlieq lura.

(b) *Shock absorbers* li jferrxu l-enerġija.

5. Apparati ta' sigurtà mwaħħlin ma' ġakkijiet ta' ċirkuwiti ta' enerġija idrawlika meta dawn jintużaw bħala tagħmir li ma jħallix li jsiru waqgħat.

6. Apparati ta' sigurtà elettriċi fil-forma ta' swiċċijiet ta' sigurtà li fihom komponenti elettroniċi.